# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.120

## REGOLAMENTI DWAR IL-ĦARSIEN TA’ SPEĊI PROTETTI (DIKJARAZZJONI TA’ SPEĊI NAZZJONALI)

23 ta’ Jannar, 2018

*AVVIŻ LEGALI 25 tal-2018, kif emendat bl-Avviż Legali 233 tal-2024.*

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Ħarsien ta’ Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta’ Speċi Nazzjonali). Titolu.

**2.** L-għan ta’ dawn ir-regolamenti huwa li jiġu msemmija l-Ispeċi Nazzjonali tal-Gżejjer Maltin, u jidħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-istess speċi. Għanijiet.

### TAQSIMA I – TIFSIRIET

**3.** F’dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin. B’dan li fin-nuqqas ta’ tifsira f’dawn ir-regolamenti, it-tifsiriet fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali għandhom japplikaw skond il-każ: Tifsiriet. *Emendat: A.L. 233 tal-2024.* L.S. 549.44.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-awtoritajiet imsemmija fir-regolament 4, li għandhom ikunu responsabbli mill-implimentazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;

"eżemplari" tfisser kull annimal jew pjanta, f’kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, kemm ħaj kif ukoll mejjet, kemm sħiħ kif ukoll parti minnu, kemm fil-forma oriġinali kif ukoll wara proċess ta’ trasformazzjoni u tinkludi kull parti jew tnissil, kif ukoll kull merkanzija li jkun hemm magħha, minn xi dokument li jkun juri l-ippakkjar jew xi marka jew tikketta, jew minn kull ċirkostanza oħra, li jkunu partijiet jew tnissil minn annimali jew pjanti ta’ dawk l-ispeċi:

Iżda t-terminu "eżemplari" fir-rigward ta’ *Apis mellifera ruttneri* jirreferi għal kolonja ta’ naħal.

"għasfur" u "għasafar" għandhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi; L.S. 549.42.

"liċenzja ġenerali" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi; L.S. 549.42.

L.S. 549.38. L.S. 549.42. L.S. 549.44. L.S.549.123.

"regolamenti relevanti" tinkludi r-Regolamenti dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora, r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u r-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar;

"Speċi Nazzjonali tal-Gżejjer Maltin" jew "Speċi Nazzjonali" tfisser speċi indiġeni li jservu bħala ambaxxaturi li jattiraw l-interess tal-pubbliku lejn l-isforz għall-konservazzjoni kemm ta' dawn l-ispeċi kif ukoll ta' speċi oħra li qegħdin f'riskju. L-Ispeċi Nazzjonali huma indikati fl-Iskeda I.

Amministrazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

**4.** L-awtorità kompetenti responsabbli għall-amministrazzjoni, implimentazzjoni, konformità u infurzar ta' dawn ir-regolamenti huma:

(a) l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għall-flora, il-fawna u l-ħajja selvaġġa oħra, skont l-Att, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi; u

L.S. 549.42.

(b) it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, skont dak pprovdut fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

L.S. 549.42.

## TAQSIMA II: PROTEZZJONI TA' SPEĊI SELVAĠĠI

Dikjarazzjoni ta' speċi nazzjonali.

**5.** L-awtorità kompetenti tista' tiddikjara aktar Speċi Nazzjonali, sakemm dawn l-ispeċi jkunu jaqgħu taħt xi waħda jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) speċi selvaġġi indiġeni għall-Malta jew li huma rappreżentattivi tal-flora u fawna ta' Malta; jew

(b) speċi selvaġġi endemiċi għall-Gżejjer Maltin u l-ilmijiet u l-ibħra tagħhom; jew

(ċ) speċi ta' importanza partikolari minħabba l-interess xjentifiku, ekoloġiku, fuq il-biodiversità, bioġeografiku, pajsaġġ jew interess edukattiv li jqajmu; jew

(d) speċi li għandhom konnessjoni speċifika kulturali jew storika ma' Malta u mal-identità tagħha; jew

(e) speċi mhedda, rari, u possibbilment estinti, partikolarment speċi b'firxa ristretta f'Malta; jew

(f) speċi kariżmatiċi li jservu bħala simbolu jew punt fokali biex jitqajjem għarfien u kuxjenza ambjentali u li jistgħu jiġu meqjusa bħala speċi xempju; jew

(g) speċi li għandhom potenzjal li jkabbru l-interess

għall-ħarsien tal-ambjent naturali jew li kapaċi jinfluwenzaw f’mod favorevoli attitudnijiet favur il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-ambjent; jew

(h) speċi li fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti jissodisfaw kriterji relevanti simili għal dawn.

## TAQSIMA III: PROJBIZZJONIJIET

Projbizzjonijiet.

**6.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti relevanti l-ispeċi indikati fl-Iskeda I qed jiġu msemmija bħala ‘Speċi Nazzjonali’ u huma protetti skont l-Att.

(2) Il-projbizzjonijiet imsemmija fir-regolamenti relevanti għandhom japplikaw għall-ispeċi indikati fl-Iskeda I, sakemm mhux awtorizzat xort’oħra mill-awtorità kompetenti.

## TAQSIMA IV: SORVELLJANZA U KONSERVAZZJONI

Identifikazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ.

**7.** L-awtorità kompetenti għandha, sakemm hu possibli u xieraq, b’mod partikolari għall-għanijiet ta’ dawn ir-regolamenti u r-regolamenti relevanti:

(a) twettaq sorveljanza u monitoraġġ tal-Ispeċi Nazzjonali u l-ambjenti naturali tagħhom;

(b) tidentifika proċessi u kategoriji ta’ attivitajiet li għandhom jew li jista’ jkollhom impatti negattivi sinifikanti fuq l-Ispeċi Nazzjonali;

(ċ) tivvaluta l-istat, medda u xejriet tal-popolazzjoni tal-Ispeċi Nazzjonali; u

(d) iżżomm u torganizza, b’kwalunkwe manjiera, dejta derivata minn eżerċizzi ta’ identifikazzjoni u monitoraġġ skont il-paragrafi (a) u (b).

Konservazzjoni *in situ.*
*Emendat:*
*A.L. 233 tal-2024.*

**8.** L-awtorità kompetenti għandha sa kemm hu possibli u xieraq:

(a) tadotta miżuri sabiex tippromovi l-konservazzjoni tal-Ispeċi Nazzjonali;

(b) tieħu passi sabiex jiġi evitat id-deterjorazzjoni tal-ambjent naturali tal-Ispeċi Nazzjonali ġewwa s-siti protetti;

(ċ) tipprevjeni l-introduzzjoni, tikkontrolla jew teqred dawk l-ispeċi aljeni invażivi li jistgħu jheddu l-Ispeċi Nazzjonali, diment li tali miżuri ma jaffetwawx b’mod ħażin kwalunkwe speċi użata għall-apikultura; u

(d) tirsisti sabiex tipprovdi l-kundizzjonijiet bżonnjużi sabiex ikun hemm kumpatibbiltà bejn l-użu preżenti

u l-konservazzjoni tal-Ispeċi Nazzjonali u l-ambjenti naturali tagħhom.

## TAQSIMA V: KOMUNIKAZZJONI

Komunikazzjoni, edukazzjoni, u għarfien pubbliku.

**9.** L-awtorità kompetenti tista tippromovi l-edukazzjoni u t-tagħrif ġenerali dwar il-bżonn li jiġu mħarsa l-Ispeċi Nazzjonali. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti, tista' tippromovi u tinkoraġixxi:

(a) pubbliċità xierqa għad-dikjarazzjoni tal-Ispeċi Nazzjonali;

(b) id-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar l-Ispeċi Nazzjonali u l-ambjenti naturali tagħhom, li l-awtorità kompetenti jkollha, u li tiġi disponibbli għall-pubbliku skont id-dispożizzjonijiet provduti fir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent; u

L.S. 549.39.

(ċ) koperazzjoni xierqa ma' korpi u entitajiet nazzjonali bl-għan li jiġu żviluppati programmi edukattivi u ta' għarfien pubbliku, fir-rigward ta' Speċi Nazzjonali u l-ambjenti naturali tagħhom.

## TAQSIMA VI: PERMESSI, REATI U PIENI

Permessi fir-rigward ta' speċi elenkati fl-Iskeda I. *Sostitwit: A.L. 233 tal-2024.*

**10.** Kwalunkwe valutazzjoni mwettqa jew permess maħruġ mill-awtorità kompetenti skont ir-regolamenti rilevanti għandhom jitqiesu bħala maħruġa taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda kwalunkwe reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar it-Trobbija tan-Naħal li tinvolvi, *inter alia*, l-użu tal-Insett Nazzjonali kif imsemmi fl-Iskeda I(b), għall-produzzjoni ta' għasel, ħalib in-naħal, żaftura, xama' tan-naħal jew prodotti oħra relatati man-naħal tal-għasel, għandha titqies bħala permess validu għall-*Apis mellifera ruttneri* taħt dawn ir-regolamenti u taħt ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.

S.L. 36.36.

S.L. 549.44

Multa amministrattiva.

**11.** Meta l-awtorità kompetenti temmen li persuna tkun ikkommettiet reat taħt dawn ir-regolamenti fuq speċi imniżżla fl-Iskeda I(b), l-awtorità kompetenti tista' toħroġ multa amministrattiva ta' mhux inqas minn sebgħa mija u ħamsin euro (€750) għal kull eżemplari iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) għal kull eżemplari:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' toħroġ multa amministrattiva għall-istess persuna darba biss taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda ebda proċediment m'għandu jittieħed jew jitkompla kontra l-imsemmija persuna għar-reati msemmija f'dan ir-regolament jekk kemm il-darba din il-persuna tħallas dik il-multa amministrattiva.

**12.** Mingħajr preġudizzju għal kull liġi applikabbli taħt l-Att, kull persuna li: Reati u Pieni.

(a) tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom; jew

(ċ) tonqos milli tosserva xi kondizzjoni ta' permess jew awtorizzazzjoni mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(e) tinftiehem, jew tipprova tinftiehem, tgħin jew tipprova tgħin, tħajjar jew tipprova tħajjar, tagħti parir jew tipprova tagħti parir, tqabbad jew tipprova tqabbad lil xi persuna oħra biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew li tonqos li tosserva xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-saħħa tagħhom,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti. Dak ir-reat għandu jkun soġġett għall-penali relevanti stipulati fl-Iskeda II.

Sostitwita: A.L. 233 tal-2024.

**SKEDA I**

SPEĊI NAZZJONALI TAL-GŻEJJER MALTIN

Skeda I(a): Speċi Nazzjonali (Għasafar)

| ISEM XJENTIFIKU | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | SPEĊI NAZZJONALI |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Monticola solitarius* | Il-Merill; Iċ-Ċikkudiddiju | Blue Rock Thrush | Għasfur Nazzjonali |

Skeda I(b): Speċi Nazzjonali (bl-eċċezzjoni ta’ għasafar)

| ISEM XJENTIFIKU | ISEM BIL-MALTI | ISEM BL-INGLIŻ | SPEĊI NAZZJONALI |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Aphanius fasciatus* | Il-Bużaqq | Mediterranean Killifish | Ħuta Nazzjonali |
| *Apis mellifera ruttneri* | In-Naħla ta’ Malta; In-Naħla Maltija | Maltese Honey Bee | Insett Nazzjonali |
| *Palaeocyanus crassifolius* (=*Cheirolophus crassifolius*) | Widnet il-Baħar | Maltese Rock-Centaury | Pjanta Nazzjonali |
| *Potamon fluviatile lanfrancoi* | Il-qabru; Il-Granċ tal-Ilma Ħelu | Maltese Freshwater Crab | Krustaċju Nazzjonali |
| *Tetraclinis articulata* (=*Callitris quadrivalvis*) | L-Għargħar; Is-Siġra tal-Għargħar | Arar Tree: Alerce; Sandarac Gum Tree | Siġra Nazzjonali |

---

**SKEDA II**

**Penali għal reati fuq speċi imniżżla fl-Iskeda I(a)**

Kull persuna li tikkommetti jew tipprova tikkommetti reat relatat mal-għasafar indikati fl-Iskeda I(a) jeħel meta jinstab ħati:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta’ mhux inqas minn seba mija u ħamsin euro (€750) għal kull eżemplari, iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għal kull eżemplari, flimkien mal-konfiska tal-*corpus delicti*.

Il-Qorti għandha tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja ġenerali jew permess, maħruġ skont dawn ir-regolamenti, r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, jew

taħt Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux iżjed minn ħames snin.

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, multa ta’ mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull eżemplari iżda mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien mal-konfiska tal-*corpus delicti.*

Il-Qorti għandha tordna wkoll ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja ġenerali jew permess, maħruġ dawn ir-regolamenti, skont ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija:

Iżda l-Qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, timponi fuq il-ħati, Ordni ta’ Servizz fil-Komunità skont l-Att dwar il-*Probation*:

(ċ) Kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasfur elenkat fl-Iskeda 1(a) mingħajr liċenzja ġenerali valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fil-paragrafu (b) u l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tikseb liċenzja ġenerali taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jew taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha, u meta dik il-liċenzja ġenerali tkun ġiet revokata b’mod permanenti skont il-paragrafu (b) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli takkwista liċenzja ġenerali għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta’ mhux anqas minn sebat elef euro (€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta’ mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.

(d) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, fid-determinazzjoni tal-gravità tar-reat il-Qorti tista' tikkunsidra l-fatturi stipulati taħt ir-raba’ proviso tar-regolament 27(2) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi.

**Penali għal reati fuq speċi imniżżla fl-Iskeda I(b)**

Kull min jagħmel, jew jipprova jwettaq reat relatat mal-ispeċi indikati fl-Iskeda 1(b) jeħel meta jinstab ħati:

(a) fil-każ tal-ewwel reat, multa ta’ mhux inqas minn seba mija u ħamsin euro (€750) għal kull eżemplari iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għal kull eżemplari, flimkien mal-konfiska tal-*corpus delicti*;

(b) fil-każ tat-tieni reat jew reat sussegwenti, multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull eżemplari iżda mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

(ċ) fir-rigward ta' reati li jikkonċernaw speċi indikati fl-Iskeda I(b), għandhom japplikaw sanzjonijiet addizzjonali, kif stabbilit taħt is-subregolamenti (5), (6) u (7) tar-regolament 49 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.